

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000066/2016**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Kay Swinburne**

f'isem il-Grupp ECR

Suġġett: Rieżami tal-fattur ta' sostenn lill-SMEs

L-SMEs jirrappreżentaw 99.8 % tal-intrapriżi Ewropej u jiġġeneraw 55 % tal-PDG Ewropej globali, u huma responsabbli għall-impjeg ta' madwar 75 miljun ċittadin Ewropej. Wieħed mill-ostakoli ewlenin għat-tkabbir tagħhom huwa l-aċċess għall-finanzi.

Fil-biċċa l-kbira, l-SMEs jibqgħu dipendenti fuq is-self mill-banek biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom. Għal din ir-raġuni, u minħabba ż-żieda tal-piż regolatorju wara l-kriżi finanzjarja, fattur ta' tnaqqis kapitali għal self lill-SMEs – l-hekk imsejjaħ fattur ta' sostenn (SF) lill-SMEs – ġie introdott fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) sabiex jippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jsaħħu s-self għal dan il-grupp partikolari ta' kumpaniji.

Fid-dawl tar-rieżami perijodu tal-SF, l-Awtorità Bankarja Ewropea reċentament ikkonkludiet sejħa għal evidenza dwar l-impatt tal-SF fuq is-self mill-banek lill-SMEs. Id-dokument finali, li huwa mistenni jservi ta' bażi għar-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-impatt tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq is-self lill-SMEs, għandu jiġi ppubblikat fl-ewwel tliet xhur tal-2016.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni hija mitluba:

1. Jekk tistax tipprovdi minn issa valutazzjoni interim dwar l-impatt tal-SF fuq is-self mill-banek lill-SMEs.
2. Jekk ir-rapport tal-Kummissjoni hux ser jeżamina wkoll l-interazzjoni tal-SF ma' rekwiżiti regolatorji oħra, bl-għan li jitnaqqas kwalunkwe piż superfluwu fl-applikazzjoni ta' dan l-istrument.
3. Jekk ir-rapport tal-Kummissjoni hux ser jivvaluta wkoll il-kalibrazzjoni tal-SF, inklużi d-daqs u l-limitu, u jekk il-Kummissjoni hux ser tkun tista' tagħti risposta ċara rigward il-kwistjoni dwar jekk l-istrument hux ser jiġi estiż fuq bażi temporanja jew permanenti.

Imressqa: 6.4.2016

Mgħoddija: 8.4.2016

L-iskadenza għat-tweġiba: 15.4.2016